# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 24 ta' April, 2002**

**Appell Nru 204/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Domenic Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Domenic Cutajar talli (**1**) fit-2 ta' Jannar, 2000, ghall-habta tas-2.00 pm, bil-hsieb li jaghti n-nar lil dar, ossia Flat nru. 1 gewwa Blokk 14A, Triq Fontanier, Qormi, li hija dar ta' abitazzjoni jew bini iehor, izda meta gewwa ma kien hemm l-ebda persuna fil-waqt tal-hruq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu, liema delitt sar a dannu ta' Frances Camilleri minn Hal-Qormi; (**2**) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fil-bieb ta' barra (tal-imsemmi fond), liema hsara ma tiskorrix is-somma ta' hamsin lira a dannu tal-imsemmija Frances Caruana;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Novembru, 2001, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Domenic Cutajar hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' **tmintax-il xahar prigunerija**;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Domenic Cutajar, minnu ppresentat fl-14 ta' Novembru, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta' Frar, 2002; ikkunsidrat:

Il-fatti ta' din il-kawza jistghu brevement jigu riassunti fi kliem l-ewwel qorti li, fis-sentenza taghha, qalet hekk:

Illi fit-2 ta' Jannar, 2000, ghall-habta tas-2.00 pm l-imputat, li jahdem bhala "lavatory attendant" f'Hal-Qormi, ra kaxex tal-kartun mormija barra fejn hanut u fettillu li jiehu whud minn dawn il-kaxxi quddiem il-bieb ta' Fransina[1] Camilleri li toqghod fil-vicinanzi, u permezz ta' kaxxa tas-sulfarini li kellu fil-but tahom in-nar. Dak il-hin inserta li fl-appartament in kwistjoni[2] ma kien hemm hadd; izda ftit minuti wara inserta niezel Carmel Cumbo, li joqghod fil-flat sovrastanti, u lemah il-kartun qed jaqbad mal-bieb ta' Camilleri. Huwa fil-pront tefa n-nar u sakkar il-bieb principali ta' barra [tal-blokk appartamenti] wara li hareg. Kif hareg barra lemah lill-imputat gej b'izjed kartun f'idu. Rah jissara mal-bieb [principali ta' barra] biex jidhol gewwa, u dak il-hin staqsieh *"kellux boznn xi haga"*. L-imputat irrispondih fin-negattiv, qallu *"le, le, xejn xejn u telaq"* (deposizzjoni ta' Carmel Cunbo). Sussegwentement sar rapport fil-ghassa.

L-ewwel qorti sabet lill-appellant, allura imputat, hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu wara li kkonkludiet li huwa ried iqabbad il-kartun mal-bieb ta' Frances Camilleri u hekk ghamel, u li di piu` kien ben konsapevoli tal-fatt li kien qed jaghmel xi haga kontra l-ligi.

L-appellant ghandu diversi aggravji li ser jigu trattati *seriatim*. L-ewwel aggravju hu fis-sens li skond l-insenjament tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-13 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Desira***[3] huwa ma kellux jinstab hati ta' hruq b'perikolu komuni. L-appellant, fir-rikors tieghu, ma jispjega xejn aktar fir-rigward ta' dana l-ewwel aggravju; jghid biss li fil-kors tat-trattazzjoni orali tal-appell huwa kien ser jipprova li ma kellux jinstab hati u dana principalment fuq l-insenjament tas-sentenza appena citata. Fil-fatt, fil-kors tat-trattazzjoni orali id-difensur ta' l-appellant, Dott. Emmanuel Mallia, anqas biss irrefera ghall-kawza ta' ***Desira***; u dan bir-ragun, ghax dik il-kawza b'ebda mod ma dahlet fl-elementi tar-reat ta' hruq b'perikolu komuni (l-Artikolu 317 tal-Kap. 9) izda kienet titratta esklussivament fuq ir-reat ta' esplozjoni b'perikolu tal-hajja u tal-proprjeta` (l-Artikolu 311). Fi kliem iehor, dik is-sentenza ma hi ta' ebda ghajnuna ghall-finijiet ta' dana l-appell. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju, li jirrazenta l-fieragh, qed jigi sommarjament respint.

It-tieni aggravju huwa wiehed ferm aktar dettaljat, ghalkemm f'certi aspetti huwa wkoll wiehed konfuz. Bazikament l-appellant, wara li jghaddi in rassenja l-fatti principali tal-kawza, u wara li jaghmel referenza ghal diversi deposizzjonijiet u specjalment id-deposizzjonijiet ta' huh (Joseph Cutajar) u tat-tabib kuranti tieghu (Dott. George Grech), jghid li kien karenti l-element formali mehtieg ghas-sussistenza taz-zewg reati li taghhom huwa nstab hati – hruq b'perikolu komuni u hsara volontarja. Bazikament l-appellant jikkontendi li fil-mument tal-att materjali huwa kien, minhabba l-fatt li tbaxxielu l-livell taz-zokkor fid-demm abbinat mal-fatt l-iehor li huwa ghandu I.Q. baxxa, <u>fi stat simili ghal dak ta' *diminished responsibility*</u>. Huwa jaghmel referenza ghall-gurisprudenza Ingliza in tema ta' *diminished responsibility* u in partikolari ghas-sentenzi ***R. v. Sanderson*** 98 Cr.App.R. 325 CA u ***R. v. Byrne*** [1960] 2

[1] Frances.
[2] Cioe` l-appartament ta' Frances Camilleri.
[3] Kollezz. Deciz. Vol. LXXXIII.iv.30.

QB 396. Issa, apparti li kemm fil-ligi Ingliza[4] kif ukoll f'dik Skocciza[5] il-kuncett ta' *diminished responsibility* jimplika responsabbilta`penali, ghalkemm ridotta, u ghalhekk jimplika necessarjament il-presenza tal-element formali tar-reat u mhux, kif donnu qed jippretendi l-appellant, assenza totali ta' dan l-element, din il-Qorti kellha diga l-opportunita` li tfisser li l-ligi taghna ma tirrikonoxxi ebda forma ta' *diminished responsibility* li tezenta lil dak li jkun mir-responsabbilta` penali (***Il-Pulizija v. Raymond Vella*** App. Krim. 2/8/1999). Il-ligi taghna semplicement tinkorpora, b'mod indirett, il-kuncett ta' *diminished responsibility*, f'certi disposizzjonijiet ghall-finijiet ta' piena (ez. l-Artikoli 227(c) u 245 al-Kodici Kriminali). Kif inghad fis-sentenza ta' ***Vella***,

> …fil-ligi taghna il-kuncett ta' "diminished responsibility" jimplika li dak li jkun ikun jaf x'inhu jaghmel (ikollu l-"capacita` di intendere" jew "capacita` di conoscere") u jkun ukoll kapaci li jaghzel li jaghmel jew li ma jaghmilx dak l-att ta' kommissjoni jew ommissjoni (ikollu l-"capacita` di volere"), izda minhabba certi cirkostanzi (li jistghu jkunu anke ta' natura psikjatrika, bhal fil-kaz ta' l-infanticidju) il-ligi tqis li hu anqas responsabbli ghal dak li ghamel milli kieku ma kienux jezistu dawk ic-cirkostanzi.

L-appellant jipprova jinkwadra l-istat mentali tieghu taht il-paragrafu (b) tal-Artikolu 33 tal-Kodici Kriminali, jigifieri bhala xi forma ta' forza barranija li huwa ma setax jirresisti ghaliha. Hu evidenti, pero`, li l-kombinazzjoni ta' livell baxx taz-zokkor fid-demm ma' I.Q. baxx ma tista' qatt tammonta ghal forza barranija; tista' tkun, se mai, forza gejja proprju minn gewwa dak li jkun u mhux minn barra.

Anqas huwa korrett ix-xebh li l-appellant ipprova jaghmel bejn l-istat mentali tieghu fl-mument tal-kummissjoni tal-att materjali u l-Artikolu 34 tal-Kodici Kriminali. L-istat ta' ipoglicemija ma jista' b'ebda mod jitqies bhala forma ta' "sokor", sia jekk din l-ipoglicemija tkun akkumpanjata ma stat baxx ta' I.Q. u sia jekk le.

Is-sitwazzjoni kienet forsi tkun differenti li kieku l-appellant ipprova jinvoka d-difiza tal-awtomatizmu u li kieku kien hemm provi medici bizzejjed li setghu juru, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li l-agir tieghu kien kompletament invlontarju. Tali prova kellha, bhala regola, ssir permezz ta' periti medici nominati mill-qorti. Quddiem l-ewwel qorti, pero`, ebda perit jew periti ma ntalbu li jigu nominati; fuq il-provi li kellha quddiemha l-ewwel qorti kienet gustifikata tikkonkludi li dak li ghamel l-appellant ghamlu volontarjament.

It-tielet aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena, li huwa jqis li kienet wahda eccessiva. Issa, ma hemmx dubbju li dak li ghamel l-appellant seta' kellu konsegwenzi serjissimi. Mill-banda l-ohra wiehed irid jikkonsidra s-segwenti fatturi: (1) il-fedina penali assolutament nadifa tal-appellant; (2) il-fatt li Frances Camilleri stess ma rieditx li jittiehdu passi kontra l-appellant ghax

---

[4] Ara l-Artikolu 2 tal-*Homicide Act 1957*.

[5] Ara Gordon, G. H., The Criminal Law of Scotland W. Green & Son Ltd. (Edinburgh), 1978, pp. 380-399; ara wkoll Jones, T. H. u Christie, M. G. A., Criminal Law W. Green / Sweet & Maxwell (Edinburgh), 1996, pp. 223-224.

kienet taf li normalment huwa persuna innokwa; (3) il-fatt – u dana jidher li ma nghatax importanza bizzejjed mill-ewwel qorti – li l-appellant ghandu I.Q. baxx b'tali mod li jqarreb lejn dik li tista' tissejjah "mental subnormality". In fatti, hafna minn dak li jinghad mill-appellant (proprjament mill-avukati difensuri tieghu) fir-rigward tat-tieni aggravju tieghu, ghalkemm ma jwassalx ghall-konkluzzjoni li kien karenti l-element materjali taz-zewg reati li taghhom huwa nstab hati, jindika b'mod car persuna fi stat mentali mhux ghal kollox normali. Wara li hasbet fit-tul din il-Qorti hi tal-fehma li jkun aktar gust, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, li l-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija tigi sospiza, u li jkun hemm ukoll Ordni ta' Supervizjoni skond l-Artikolu 28G tal-Kap. 9.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi, b'zieda ma' dak li jinghad f'dik is-sentenza, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, tordna li l-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija m'ghadhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' tlett (3) snin mill-lum, l-imsemmi Domenic Cutajar jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija; u, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-imsemmi Kodici, il-Qorti qieghda tqieghed lill-istess Domenic Cutajar taht is-supervizjoni ta' l-ufficjal tal-*probation* Mariella Camilleri bhala ufficjal sorveljanti ghaz-zmien kollu tal-periodu operattiv, u cioe` tlett snin mill-lum; is-sentenza appellata hija, fil-bqija, konfermata.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-appellant kemm ir-responsabbilta` tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, kif ukoll l-effetti ta' l-ordni ta' supervizjoni.

Fl-ahhar nett tordna li kopja ta' l-ordni ta' supervizjoni anness ma' din is-sentenza jigi minnufih notifikat lill-ufficjal sorveljanti, u tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (8) ta' l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Aldo Testone
Dep. Registratur

Imhallef:

**Onor. Vincent De Gaetano LL.D.**

**Ordni ta' Supervizjoni**
(Artikolu 28G, Kap. 9)

Billi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-2 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Domenic Cutajar*, kif modifikata bis-sentenza moghtija llum, 24 ta' April, 2002 minn din il-Qorti fl-istess ismijiet (App. Numru 204/2001 VDG), l-imsemmi Domenic Cutajar gie kkundannat ghall-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin;

U billi din il-Qorti hi tal-fehma li hu desiderabbli li jsir hekk;

Tordna li l-imsemmi Domenic Cutajar, iben Emanuel u Luigia nee` Camilleri, numru tal-karta tal-identita` 397163(m), u li joqghod 10, Alley 1, Short Lane, Siggiewi jitqieghed taht is-supervizjoni tal-ufficjal sorveljanti Mariella Camilleri li hija wahda mill-ufficjali tal-*probation* mahtura bis-sahha ta' l-Att dwar il-*Probation* tal-Hatjin, u dan ghall-periodu ta' tlett (3) snin mill-lum.

Imhallef

Illum, 24 ta' April, 2002